**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 1 ta' Frar, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs**

**Nathaniel Joseph Mamo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Nathaniel Joseph Mamo detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 239382M, akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn is-17 u t-18 t' Awwissu, 2017, gewwa l-fond Alexsandra, Triq il-Kbir, Zabbar, f' xi hin bejn nofs il-lejl u s-siegha ta' filghodu (00:00-01:00hrs)

1. Ikkommetta offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angel Gwyn Louisielle Mamo, u dan sar b' aggravju peress li l-vittma hi martu

Ukoll talli f' dawn il-gzejjer, f' diversi lokalitajiet, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Angel Gwyn Louiselle Mamo martu, biza' li se tintuza vjolenza kontriha, kontra wliedhom minuri; Dayle Mamo, Delaiha Mamo u Donnarrick Mamo u kontra familjari ohra taghha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil Angel Gwyn Louiselle Mamo u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fl-istess dati, lokalijiet, hinijiet u cirkostanzi, talli gab ruhu b' tali mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju lil Angel Gwyn Louiselle Mamo, martu u omm wliedu u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma, Angel Gwyn Louisielle Mamo, Dayle Mamo, Delaiha Mamo, Donnarick Mamo u familjari ohra.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 t' Ottubru, 2017 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw vjolenza domestika bejn zewg konjugi fejn f'incident fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Awwissu 2017 l-imputat Nathaniel Joseph Mamo dahal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm martu Angel Mamo flimkien ma' tnejn minn uliedu fuq is-sodda u dan hebb ghal martu fejn taha daqqa ta' ponn f'wiccha u kkagunalha griehi konsistenti fi ksur fl-area madwar l-ghajn. Ghalkemm din kienet l-ewwel darba li Angel Mamo ghamlet rapport[i] fil-konfronti ta' zewgha din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien vjolenti fil-konfronti ta' martu. Fir-rapport minnha ntavolat Angel Mamo indikat li fix-xhur precedenti kien hemm incidenti ohra ta' vjolenza u theddid minn zewgha kemm fil-konfronti taghha kif ukoll fil-konfronti ta' uliedha. Hija spjegat li l-incident tas-17 ta' Awwissu inqala' ghaliex hija kienet infurmat lil zewgha li kienet ser tibda l-proceduri

ta' separazzjoni. Ghalkemm inizjalment il-griehi sofferti minn Angel Mamo gew certifikati bhala ta' natura hafifa (vide xhieda ta' Dr. Stephanie Azzopardi a fol. 40 et seq. u certifikat mediku a fol. 54) wara li sar CT scan fid-dipartment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei gie stabbilit li l-griehi sofferti minn Mamo kienu ta' natura gravi ghaliex kien hemm ksur fl-ghadam madwar l-ghajn (vide xhieda ta' Dr. Ryan Camilleri a fol. 43 et sequitur).

Ikkunsidrat:

Illi meta xehdet Angel Mamo waqt l-udjenza tas-16 ta' Marzu 2018 hija spjegat kif fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Jannar 2017 zewgha kien l-ewwel ta daqqa ta' ponn fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda u mbaghad mar fuqha u ghamel wiccu ma' wiccha u staqsiha ghalfejn riedet tissepara u peress li fil-passat huwa kien taha daqqa ta' ras u kkagunalha griehi f'imnehirha hija imbuttatu u huwa kien pront taha daqqa ta' ponn f'wiccha fejn hija hasset ugiegh kbir u meta l-ghada marret il-policlinic u wara l-isptar fejn sarilha CT scan gie stabbilit li hija kellha ksur fl-ghadam madwar ghajnejha. Angel Mamo spjegat li din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien vjolenti fil-konfronti taghha u huwa kien ukoll heddidha u jghidilha li jixtieq jara lilha u lil uliedha f'tebut u lilha marida bil-kankru. Hija spjegat li fil-passat ma kinitx ghamlet rapport lil Pulizija minhabba li zewgha kien fil-korp tal-Pulizija u ma riditx tikkompromettilu x-xoghol anki minhabba uliedhom. Hija spjegat izda li kienet iddecidiet li tibda l-proceduri ta' separazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata fit-18 ta Awwissu 2017[ii] jghid li ma kienx hu li sawwat lil martu ghaliex hija taf fejn kienet marret qabel ma giet id-dar. Huwa qal ukoll li ma jafx kif martu spiccat b'dawk il-griehi ma' wiccha.

Ikkunsidrat:

Illi l-parti civili Angel Mamo regghat xehdet waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fejn qalet li ma xtaqitx tkompli bil-proceduri fil-konfronti ta' zewgha ghaliex illum il-gurnata l-imputat m'ghadux idejjaqha u jippersegwitaha u peress li huwa missier uliedha u dawn ghandhom bzonn lil missierhom hija ma tixtieqx tkompli bil-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi lil martu Angel Mamo kif ukoll li kkaguna biza lil martu u uliedu li ser tintuza vjolenza fil-konfronti taghhom u gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu. Huwa gie ukoll akkuzat li bhala Ufficjal Pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu jimpedixxi li ma jsirx.

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat

ikkaguna griehi ta' natura gravi lil martu fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet kif ukoll li fix-xhur ta' qabel din id-data f'aktar minn okkazzjoni wahda huwa ikkaguna biza' lil martu u uliedu li kienet ser tintuza vjolenza fil-konfronti taghhom u kien gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil martu. Mill-provi rrizulta li l-griehi kagunati kienu ta' natura gravi izda ma giex pruvat li dawn kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Mix-xhieda tal-Maggur 128 Joseph Farrugia li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2018 inoltre irrizulta li l-imputat huwa membru tal-Korp tal-Pulizja.

Illi l-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-vittma xehdet li xtaqet twaqqaf dawn il-proceduri sabiex jigu salvagwardjati l-interessi ta' uliedha li ghandhom bzonn lil missierhom. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 251B, 251A, 141, 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) -il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-perjodu ta' sentejn (2) millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Angel Gwyn Louiselle Mamo u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

---

[i] Okkorrenza inserita a fol. 11 et sequitur tal-atti processwali.

[ii] Inserita a fol. 7 u 8 tal-atti processwali.